MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 80/2011

**Media Today Co Ltd (C30987)**

**vs**

**Mary Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Marzu 2011 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-

somma ta’ ghaxart elef, sitt mija u disgha u disghin ewro u sitt centesmi (€10,699.06) rapprezentanti servizzi ta’ reklamar maghmula fuq ordni tal-konvenuta, liema ammont jirrizulta mill-anness Dokument A.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali Numru 352/11 u l-Mandat ta’ Sekwestru Numru 374/11 u l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta prezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-16 ta’ Mejju 2011 fejn eccepiet:

1. *“Illi preliminarjament l-intimata mhijiex il-legittimu kuntradittur stante illi hija personalment m’ghandhiex u qatt ma kellha relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

2. *Illi fil-mertu, l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponenti. Illi minghajr pregudizzju, jekk hemm xi ammont li ghandu jithallas, dana ghandu jsir minn min hu indikat fuq il-fattura annessa mal-avviz promotur u senjatament is-socjeta’ Libertas Insititute Ltd li ghandha tigi kkjamata in kawza sabiex tirrispondi ghat-talbiet attrici.*

*Bl-ispejjez inkluz dawn tal-mandat ta’ Sekwestru Nru 374/11.*”

**Jonathan Perrett** xehed fit-28 ta’ Settembru 2011 u dana fil-kariga tieghu ta’ amministratur mas-socjeta’ attrici, Media Today Co Ltd. Spjega illi l-konvenuta

Mary Gauci xtaqet taghmel xi riklamar fil-gazzetti taghhom kif ukoll xtaqet tipprintja xi leaflets u affarijiet simili u ghal dan il-fini kienet ghamlet booking skond il-booking order relattiv li gie esebit u mmarkat bhala dokument 'Z'. Din il-booking order kienet giet iffirmata minn Ann Marie Gauci sive Mary Gauci, il-konvenuta. Ikkonferma li r-reklamar u l-printing saru u nghatawlha l-leaflets. Mistoqsi jekk kienx sar xi ftehim maghha wiegeb fl-affermattiv u li l-ftehim kien sar fis-sens li hija kellha thallas dak l-ammont mitlub minnhom jew qabel ma dehru l-affarijiet fil-gazzetti jew fiz-zmien ta' meta dehru. Mistoqsi jekk effettivament ghamlitx xi pagamenti, wiegeb li iva ghamlet u kienet halset permezz ta' zewg cekkijiet skond foto kopja li giet esebita u mmarkata bhala dokument 'X'. Ikkonferma li c-cekkijiet in kwistjoni hargu minn Mary Gauci personalment u dan mill-kont taghha. Dawn iz-zewg cekkijiet kienu jkopru parti kbira ta' dan il-kont. Huwa spjega li huma kienu marru biex jipprezentaw dawn ic-cekkijiet il-bank, u l-bank infurmahom li ma kienx hemm flus. Sussegwentament ikkomunika ma' Mary Gauci biex jghidilha li c-cekkijiet in kwistjoni ma ssarfux, u dwar kif kienu ser isolvu din il-kwistjoni. Qaltilhom li kienet qed tistenna xi flus gejjin minn barra minn Malta u dan sabiex hija tkun tista' thallashom. Mistoqsi jekk Mary Gauci qatt semmitx xi persuna ohra, wiegeb li le. Ir-relazzjoni taghhom dejjem kienet ma' Mary Gauci. Mistoqsi jekk regghux pprovaw jiprezentaw dawn ic-cekkijiet, wiegeb li mhux cert, pero' jahseb li iva. Ikkonferma li sallum il-gurnata dan l-ammont mitlub minnhom ghadu dovut kollu. Mistoqsi jekk baghatux xi invoices, jghid li iva baghtu diversi invoices u kienu jcemplulha ta' spiss.

Huwa esebixxa tnax-il invoice mibghuta lis-sinjura Gauci li gew immarkati bhala dokument A1 sa A12 rispettivament. Mistoqsi jekk Mary Gauci qattx ghamlet xi oggezzjoni ghal dawn l-invoices, jghid effetivament le ma ghamlitx. Mary Gauci qaltilhom li kienet qed tistenna xi flejjes mill-Irlanda pero' dawn il-flejjes qatt

ma waslu u ghalhekk qatt ma thallsu. Qal li ma kienx jinteresshom minn fejn jithallsu basta li jithallsu. Mistoqsi jekk ghamilx xi ricerka fuq isem *Libertas Institute Ltd,* wiegeb li ghamel u mir-ricerka li ghamel ma jidhirx li din il-kumpanija hija registrata hawn Malta. Huwa ghamel ricerka mas-socjeta' Credit info biex jara jekk hemmx din il-kumpanija registrata maghhom u ma rrizultax li kien hemm. Huwa esebixxa dokument immarkat bhala dokument 'Y' mahrug mill-MFSA li jindika li din il-kumpanija ma kinitx registrata maghhom.

**Dr Claudette Fenech** xehdet nhar l-24 ta' Otubru 2011 ghan-nom u fl-interess tal-MFSA. Giet mitluba sabiex tara f'dawn l-ahhar hames snin kienx hawn kumpanija registrata mal-MFSA fl-isem Libertas jew Libertas Malta jew Libertas Institute, u stqarret li mir-ricerka li ghamlet ma kien hemm l-ebda kumpanija b'dawn l-ismijiet registrata hawn Malta u dan b'referenza ghall-perjodu mis-sena 2007 'l hawn.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici prezentata fl-atti nhar is-6 ta' Jannar 2012 li permess taghha hija esebiet zewg dokumenti mmarkati bhala dokumenti CG1 u CG2 konsistenti f'emails skambjati fuq il-mertu tal-kawza.

Rat in-nota tal-konvenuta Mary Gauci li giet prezentata fit-8 ta' Frar 2012 fejn ezebiet numru ta' emails immarkati minn Dok A sa Dok I rispettivament u booking form datata 13 ta' Mejju 2009 immarkata bhala Dok J.

**Jonathan Perrett** xehed in kontro-ezami nhar it-8 ta' Frar 2012 fejn ikkonferma li z-zewg emails esebiti fl-atti a fol. 38 et seq immarkati bhala dokument CG1 u CG2 gew mibghuta u ricevuti minnu. Mistoqsi min kien ghamel il-*booking order*

muri a fol. 16 maghhom, wiegeb li kienet Mary Gauci u f'dan id-dokument hemm ukoll il-firma ta' din Mary Gauci. Mary Gauci fil-fatt hija l-*contact person* ma' min sar in-negozju. Id-dokument a fol. 16 ma hargux hu izda nhareg mis-sales person taghhom certu Mark Causon li m'ghadux impjegat maghhom. Skont dan id-dokument il-klijent huwa Libertas Malta pero' mhix kumpanija registrata Malta u l-contact person taghha hija Mary Gauci. Qal ukoll li l-pagamenti kienu saru minn Mary Gauci personalment u l-pagament, ic-cekk li kienet baghtet ma kienx issarraf. Mistoqsi kif jista' jghid li kien kont personali taghha wiegeb li fuq ic-cekk kien hemm isimha ittajpjat.

Huwa kien fehem illi l-kont tal-bank huwa f'isem Mary Gauci, ghaliex ic-cekk jghajjat lil Mary Gauci. Ikkonferma pero' li huwa kien qal lil Causon li sakemm isir il-booking ta' Libertas Malta hemm bzonn li jsir pagament u fil-fatt Mark Causon kien gab il-pagament li kienu c-cekkijiet ta' Mary Gauci u kien ghalhekk sar il-booking. Spjega illi huwa jokkupa il-kariga ta' amministratur tas-socjeta' attrici. Ix-xhud stqarr li meta jkun hemm booking ta' certu ammont konsiderevoli hija procedura tal-kumpanija taghhom li jitolbu l-hlas bil-quddiem, u f'dan il-kaz kien hemm ic-cekkijiet. Qal li Mark Causon jaqa' tahtu u kien ghalhekk li kkommunika mieghu. X'kien jaghmel Mark Causon fil-hajja privata tieghu pero' ma jafx.

Ikkonferma li l-klijent kien Libertas Malta li mhix kumpanija. Huwa minnu li l-klijent kien Libertas Malta pero' peress li mhux kumpanija, il-kont kellu jithallas minn persuna ghan-nom taghha u f'dan il-kaz huma fehmu li kienet Mary Gauci. Tenna li sal-mument li huma rcevew ic-cekkijiet ir-relazzjoni taghhom kienet ma' Mary Gauci u la darba c-cekkijiet ma ghaddewx, Gauci qaltilhom li kienet qed tistenna xi fondi minn barra. Qalet li kienet ser tircievi xi hlas mill-Irlanda, huma

pero' ma kinux interessati minn fejn kienet ser iggib il-flus basta li l-kont jithallas. Zackline Gangley huwa rapprezentant ta' Libertas barra minn Malta. Mistoqsi min hi Yvonne Corkoran wiegeb li fil-fatt din hija wahda mir-rapprezentanti ta' Libertas barra minn Malta. Ikkonferma li l-emails pero' ircevihom minghand dawn in-nies. Mistoqsi jekk kellux telefonati ma' dawn in-nies, wiegeb li kellu telefonati ma' Zackline Gangley.

Huwa minnu li Libertas barra minn Malta kienet qed twieghed li taghmel hlas minn naha taghha pero' cahdu b'mod kategoriku li kienu huma li bbukjaw dan ix-xoghol, u fil-fatt dan jirrizulta mid-dokument CG2 esebit fl-atti. Muri dokument F esebit fl-atti u kkonferma li huwa email li baghat lil Yvonne Corkoran fejn kien gharrafha b'din il-pendenza li kienet ghadha ma gietx imhallsa u fil-fatt huwa kien ser jirraporta dan il-kaz, pero' bl-ebda mod ma kien qed jghid li kienu huma li kkontrattaw ix-xoghol. Issottolineja li Mary Gauci mhix imsemmija f'dan id-dokument ghalkemm hija kkopjata. Huma qed ifittxu lil Mary Gauci ghaliex Mary Gauci ffirmat *il-booking*. Spjega li c-cekkijiet li ghamlitilhom Mary Gauci huma datati 15 ta' Mejju 2009 u l-email li baghatu huma hija datata 29 ta' Settembru 2009. Spjega li huwa beda jikkomunika maghhom meta ra li c-cekkijiet ta' Gauci ma ssarfux u Libertas ippromettew li jhallsu. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-kont tal-HSBC Merchant Street, huwa ntestat lil Mary Gauci u dan bhala *stand alone account* ta' Libertas Malta, wiegeb li ma kienx jaf. Huwa stqarr li dak il-kont dejjem jafu bhala ta' Mary Gauci, u ma jafx li huwa *stand alone* ta' Libertas. Jista' jkun li Mary Gauci talbitu biex ma jsarrafx ic-cekkijiet sakemm tircievi xi pagamenti minn barra.

Rat in-nota tal-konvenuta pprezentata fit-8 ta' Marzu 2012 li permezz taghha pprezentat l-affidavit ta' **Mark Causon**. Mark Causon jikkonferma li huwa kien

impjegat ta’ Media Today Ltd fiz-zmien meta saret il-booking order mertu tal-kawza. Fil-fatt huwa kien deher fuq din il-booking order bhala s-sales person ghan-non ta’ Media Today Ltd. Huwa qal illi meta saret din il-booking ma kienx hemm dubju li l-klijent hu Libertas, intiz bhala istitut Irlandiz li kellu l-fergha tieghu hawn Malta go Realco Building, Imhallef Paolo Debono Street, Msida. Mary Gauci kienet dehret f’dan il-booking bhala l-contact person. Huwa sostna li kien car illi kwalsiasi ammont dovut, kien dovut minn Libertas Institute u mhux minn Mary Gauci personalment.

Mark Causon spjega illi huwa kien beda jaqdi l-kariga ta’ campaign manager ta’ Libertas Institute fuq bazi part time u dan Jonathan Perrett kien jafu. Huwa ddikjara li l-attivitajiet, xirjiet u commitments mil-Libertas f’Malta kienu saru wara li gie approvat il-budget mil-Libertas fl-Irlanda u ghalhekk jekk hemm xi hlasijiet li jridu jsiru, dawn ghandhom isiru mil-Libertas Institute. Causon ikkonferma illi l-invoices kollha hargu ntestati lill-Libertas Institute u l-Media Today Ltd kellha komunikazzjoni kontinwa mal-Libertas Institute tal-Irlanda dwar il-hlas.

Dwar il-kwistjoni tac-cekkijiet, huwa spjega li dawn kienu hargu minn *standalone account* ta’ Libertas Institute gewwa Malta u hargu biss wara konferma li Libertas Institute Headquarters Accounts Department kien ta l-assigurazzjoni li kien ser iwettaq depozitu fl-istess kont biex jissarfu c-cekkijiet. Huwa jiddikjara illi hu kien ftiehem ma’ Jonathan Perrett biex Perrett ma jmurx isarraf ic-cekkijiet qabel ma jghidulhom li l-flus kienu waslu fil-kont. Iddikjara wkoll illi qatt ma kienet l-intenzjoni illi c-cekkijiet ifissru li Mary Gauci hija responsabbli personalment ghall-hlas. Fil-fatt kien ic-chairman ta’ Libertas Institute, Declan Ganley li kien assuma personalment il-hlas tal-ammonti dovuti lill-Media Today.

Huwa stqarr illi Jonathan Perrett tal-Media Today Ltd kien jaf b'dan kollu tant illi huwa kien jikkomunika ma' Declan Ganley ghall-hlas tal-ammonti dovuti minn Libertas.

Rat l-affidavit tal-konvenuta **Mary Gauci** li giet prezentata fit-18 ta' April 2012 fejn iddikjarat illi hija hadmet ma' Libertas Institute b'kuntratt definit ghall-perjodu bejn 1 ta' Marzu 2009 u 30 ta' Gunju 2009. Hija spjegat illi Kevin O'Connell li ffirma l-kuntratt kien l-ufficjal responsabbli fil-Libertas Institute Headquarters ghall-hidma ta' Libertas Institute f'Malta. Kevin O'Connell huwa ex-ufficjal gholi tal-Europol li hadem Malta waqt ir-referendum tal-UE. Kopja tal-Karta' tal-Identita' ta' Kevin O'Connell tinsab annessa mal-affidavit u mmarkata bhala Dok. 2. O'Connell ghamel kuntatt dirett mil-Libertas Institute meta kera l-ufficcju ghal-Libertas Institute f'Malta kif jidher minn Dok. 3. Il-kuntratt tal-kiri tal-ufficcju ghall-uzu ta' Libertas Institute f'Malta ffirmah l-istess Kevin O'Connell (Dok. 4).

Il-konvenuta spjegat li Kevin O'Connell gie Malta diversi drabi biex isegwi x-xoghol ta' Libertas Institute f'Malta. Darba flimkien maghha marru HSBC Merchants Street, Valletta u tkellmu ma' Ufficjal tal-HSBC Leslie Mercieca personalment. Huma kienu juzaw account bin-numru 033-309014-001 li kien stand alone business account bil-kapacita' ta' 'Trading as' esklussivament ghall-uzu ta' Libertas Institute. L-ewwel depozitu minn Libertas Institute Headquarters hekk kif infetah il-kont kien fil-11 ta' Marzu 2009 bl-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000). It-tieni depozitu ta' erbat elef, hames mija u wiehed u hamsin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€4,551.43) mil-Libertas Institute dejjem fl-istess account, kien registrat fis-27 ta' April 2009 (Dok 5). Hija stqareret li Kevin irrefera ghall-kont koncernat bhala Libertas Account (Dok 6). Lesley Mercieca li

hi mpjegata tal-HSBC kienet assenjata mill-istess HSBC ghall-kuntatti ma' Libertas Institute f'Malta.

Il-konvenuta spjegat ukoll illi l-paga taghha u tal-haddiema l-ohra ta' Libertas Institute kienu jircevuha kull xahar direttament minn Libertas Headquarters. L-impjegati l-ohra ta' Libertas Institute f'Malta kienu jirraportaw direttament lil-Libertas Institute Headquarters.

Mark Causon kien izomm kuntatt dirett ma' Media Today. Media Today kienu jafu sew kif tahdem Libertas Institute f'Malta u li l-hlas tal-ispejjez kien isir minn Libertas Institute meta jigu l-flus direttament mill-Headquarters tal-Institute. Il-budget miftiehem mil-Libertas Institute, gie approvat minn Kevin O'Connell li nforma wkoll lill-Accounts Department biex jibghatu l-flus li huma *budgetted* ghal attivita' f'Malta (Dok 7 u Dok 8). Kif ircevew minghand Norrie Keane li l-flus kienu ser jaslu sa *Friday latest* (8 Mejju 2009) kif muri f'Dok. 9, huma pprocedew fuq struzzjonijiet li Kevin ta lilha u lil Mark Causon dakinhar stess tard filghaxija. Mark qallu li ser jordna kollox kif miftiehem.

Il-konvenuta iddeskriviet il-procedura finanzjarja ta' Libertas Institute. Hija qalet li l-hlas tal-kredituri pendenti kien isir direttament ma' Libertas Institute. Bhala ezempju qalet li Evonne ikkuntatjat direttament lil Network Publications li fil-fatt thallsu (Dok 10). Hija sostniet illi Kevin O'Connell u Francis Darmanin kienu jivverifikaw l-ispejjez flimkien u jaghmlu l-proceduri skond kif stipulati mill-istess Libertas Institute (Dok 11).

Mary Gauci qalet ukoll li nhargu zewg cekkijiet bil-kundizzjoni li Media Today ma jmorrux isarrfuhom qabel jaslu l-flus fl-account li kien ghall-uzu biss ta’ Libertas Institute. Mark Causon kien jiddealja direttament ma’ Jonathan Perrett li kien jaf li mil-Libertas Institute iridu jithallsu. Tant hu hekk li l-istess invoice jindirizzawha lil-Libertas Institute. Evonne li kienet Personal Assistant ta’ Declan Ganley (Chairman ta’ Libertas Institute) u Head tal-accounts section baghtet tikkonferma lil Media Today li ser jithallsu. L-email giet annessa mal-affidavit u mmarkata bhala Dok. 12.

Roger De Giorgio kien ghamel kuntatt dirett ma’ Declan Ganley fejn ikkonferma li l-konvenuta kienet biss rapprezentanta tal-istess Declan Ganley (Dok 13).

Hija ddikjarat li kien hemm kuntatt dirett bejn Media Today u Libertas Institute chairman Declan Ganley kif indikat fid-dokumenti annessi mal-affidavit u mmarkati bhala Dok 14 sa Dok 18. Media Today jafu li l-konvenuta dejjem tkellmet f’isem Libertas Institute kif jixhed Dok 19.

Rigward l-emails ipprezentati l-Qorti minn Media today fid-9 ta’ Jannar 2012 hija sostniet li fl-ewwel email, hija fil-kapacita’ taghha ta’ rapprezentanta ta’ Libertas Institute dak iz-zmien talbet informazzjoni f’isem Libertas Institute mill-istess email server tal-Libertas Headquarters fuq struzzjonijiet ta’ Libertas Headquarters. Fit-tieni email qalet li hemm referenza zbaljata ghal allegat nuqqas ta’ approvazzjoni. L-approvazzjoni ta’ Kevin stess tinsab f’dokumenti annessi. Hija spjegat li Norrie stess ikkonfermat kemm-il darba li l-pagamenti ser isiru (Dok 20).

Hija qalet ukoll li Declan Ganley ghamel dikjarazzjoni li kull spejjez identifikati minnha li gew prezentati mill-kredituri ta' Libertas Institute ser jithallsu minnu f'isem Libertas Institute (Dok 21).

Hija ddikjarat illi dejjem imxiet skond il-kuntratt fuq struzzjonijiet ta' Libertas Institute u dejjem tkellmet u agixxiet f'isem Libertas Institute u ghalhekk sostniet li m'ghandiex thallas l-ammont li dwaru saret dil-kawza personalment.

**Mario Camilleri** xehed fit-13 ta' Gunju 2012 fejn iddikjara li huwa ghandu kumpanija jisimha MC Investments Limited li tikkoncerna bini ta' ufficcini u affarijiet simili. Huwa gie muri dokument esebit f'dawn l-atti a fol 72 sa 75 ta' l-istess u qal li dan huwa kuntratt ta' kera bejn MC Ivestments Limited u The Libertas Institute u li huwa l-firmatarju ta' dan l-istess kuntratt. Kien hemm il-persuna ta' O'Connor ghan-nom ta' Libertas. Mistoqsi minn kien ihallsu wiegeb li kien jircievi hlas tramite bank transfer minn barra minn Malta. Il-pagament kienu jircievuh minn barra u kien jaghmlu jew O'Connor jew xi rapprezentant tas-socjeta' tieghu.

Mistoqsi jekk jafx lil Mary Gauci qal li iva, ghax fil-fatt kienet ghamlet kuntatt mieghu fejn talbitu jekk ghandux xi propjeta' ghall-kiri. Fil-fatt hija qalet li kienet qed tirraprezenta lil Libertas u li Libertas kienet socjeta' estera. Huwa stqarr illi qatt ma thallas minghand Mary Gauci. Huwa sostna li quddiemu hadd ma kien iffirma f'dan il-kuntratt esebit a fol 72. Dan kien gie mibghut lix-xhud gja ffirmat minn barra, pero' l-kuntratt kien draftjah huwa stess, ghalkemm seta' kien il-kaz li kienu saru xi alterazzjonijiet.

Mistoqsi x'kariga kellu O'Connor fl-Institute Libertas qal li ezattament ma jafx, pero' kien jaf li l-kuntratt li kellu hu kellu jigi iffrimat minn O'Connor. Ix-xhud spjega li kien jircievi l-hlasijiet b'mod regolari. Mistoqsi jekk ghadhomx jokkupaw dawn il-premises qal li le m'ghadhomx. Mistoqsi wkoll kemm ghamlu zmien jokkupaw dan il-premises qal li forsi kien madwar sena, it-terminu kien diga' ffissat ghal dawn iz-zminijiet.

Huwa stqarr illi huwa kien thallas. Mistoqsi jekk kienx imur ta' spiss fil-premises qal li le ma kienx imur ta' spiss. Pero' kien jaf li Mary Gauci kienet taghmel uzu minn dan il-premises. Mistoqsi jekk jafx xi rwol kellha fil-Libertas qal li ma jafx, pero' Mary Gauci lilu qaltlu mill-ewwel gurnata li kellmitu li effettivament kienet tirraprezenta lil Libertas. Mistoqsi jekk Mary Gauci qattx ghamlet xi pagament dwar il-kera qal li huwa ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb ghax ried jaghmel il-verifiki tieghu mill-ufficcju. Huwa prometta li fis-seduta sussegwenti jkun f'posizzjoni li jwiegeb kif saru l-pagamenti dwar din il-kirja.

**Mario Camilleri** rega' xehed fis-27 ta' Gunju 2012 fejn iddikjara li l-kumpanija tieghu MC Investments tinsab taht il-kumpanija Rialco Holdings. Huwa esebixxa email li giet immarkata Dok CSH1 kif ukoll invoice li giet immarkata Dok CSH2 mibghut minn MC Investments Limited lil Libertas Institute, kif ukoll il-hlas li effettivament sar u li gie mmarkat Dok CSH3.

Huwa spjega li huma kienu jithallsu permezz ta' Bank Transfer, kif jirrizulta mid-dokument CSH1. Il-bank involut kien APS Bank. Il-pagament li huma rcevew kien tas-somma ta' erbat elef u seba' mitt Ewro (€4,700) u kien ikopri pagament wiehed. Dan huwa l-uniku pagament li sar u kien ikopri l-perjodu tal-kirja in kwistjoni.

**Mary Gauci** xehdet in kontro-ezami fit-23 ta' Jannar 2013 fejn meta giet murija Dok J a fol 57 qalet li din hija l-booking order u ikkonfermat li l-firma fuq dan id-dokument hija l-firma taghha. Mark Causon kien jahdem fl-ufficcju maghha mal-Libertas, u kien hu li ghamel il-kommunikazzjoni mal-Media Today. Huwa ghaddielha karta u hija ffirmatha. Il-konvenuta stqarret li hi ffirmajt din l-ordni f'isem Libertas u kienet l-intermedjata ta' bejniethom.

Hija spjegat li Mark Causon effettivament kien jahdem ukoll fl-istess zmien mal-Media Today, u kien full time maghhom u part time maghha. Fil-fatt kien Mark Causon stess li tkellem mal-Media Today. Hija qalet li fil-parti ta' fuq ta' dan id-dokument Dok J, il-kitba mhix taghha. Pero' qalet li meta ffirmat dan id-dokument il-kitba kienet diga' hemm, u hija kienet reprezentanta tal-Libertas u ffirmat ghalihom. Hija sostniet li kienet biss il-contact person. Hija ffirmat u taht l-isem taghha ma hemmx miktub Libertas Malta, hemm indikata fuq. Libertas Malta, kitibha Mark Causon. Hija esebiet email li giet immarkata bhala dokument S, li tindika li l-budget kien gie approvat u esebiet dokument iehor li gie mmarkat bhala dokument S1 li jindika li kienu ser jibghatu l-flus sal-gimgha ta' wara. Hija esebiet ukoll dokument mahrug mill-HSBC dwar il-kont li hija kellha in konnessjoni mal-Libertas.

**Leslie Mercieca** xehdet fil-25 ta' Frar 2013 fejn iddikjarat li hija tahdem mal-Bank HSBC. Hija taf lill-konvenuta bhala klijenta tal-bank. Hija spjegat li Mary Gauci kienet marret il-bank u xtaqet li jkun hemm kont f'isimha. Meta l-konvenuta marret ghandha kienet qed tikkontesta ghall-elezzjonijiet ewropej u xtaqet tiftah kont. Hija fethitilha l-kont numru 033309014-001 u fl-atti hemm

esebit kopja tal-kont in kwestjoni, immarkat mill-Qorti bhala dokument HSBC a fol 129.

Ix-xhud giet murija dokument Z esebit fl-atti u qalet li wara li kien infetah dan il-kont, darba minnhom Mary Gauci kienet marret il-bank b'kopja ta' dan il-kont, flimkien mal-persuna murija fid-dokument Z u marru jkellmuha flimkien dwar il-kont personali ta' Mary Gauci. Ix-xhud tenniet li l-konvenuta riedet tiftah il-kont personali f'isimha sabiex tuzah ghall-kampanja taghha. Il-konvenuta qaltilha li kienet qed tikkontesta f'isem Libertas. Ix-xhud jidhrilha li l-persuna murija fid-dokument Z kien xi membru tal-partit Libertas. Pero' hija ma rat l-ebda dokumentazzjoni dwar dan. Din il-persuna fl-ebda hin ma qaltilha li kienet qed tassumi xi responsabilta' ta' dan il-kont. Il-konvenuta kienet qalet lix-xhud li kellha bzonn tohrog xi cekkijiet u ghalhekk hija kienet tatha parir biex tiftah kont kurrenti sabiex ikollha din il-facilita'.

Ix-xhud tiftakar li l-konvenuta kienet talbitha biex taghmlilha kopji tac-cheque images taghha personali b'mod elettroniku u hija kienet laqghet it-talba taghha u ghamlitilha kopja. Mistoqsija ghaliex kellha bzonn dawn il-kopji wiegbet li ma tafx u tahseb li kellha bzonnhom ghaliha peress li kien kont personali taghha. Ix-xhud iddikjarat li kontijiet stand alone mal-bank ma jezistux, u ghaliha kont stand alone ifisser kont personali.

Ix-xhud sostniet li ghalihom din il-persuna murija f'dokument Z ma kellu l-ebda relazzjoni mal-kont HSBC. Filfatt jekk il-persuna murija fir-ritratt f'dokument Z tkun marret wahedha, hija ma setghetx taghtih rendikont jew infromazzjoni fuq dan il-kont HSBC. Dan il-kont infetah b'zero balance. Hija taf li l-ewwel transazzjoni saret fil-11 ta' Marzu 2009. Mill-istatements jidher li l-flus gew mil-

Libertas Institute fil-11 ta’ Marzu 2009 u fis-27 ta’ April 2009 kien hemm entratura ohra ta’ flus mibghuta lill-konvenuta mil-Libertas. Mill-ezami tal-istatement jidher li fil-11 ta’ Marzu 2009 gew depozitati mil-Libertas is-somma ta’ €2000 u fis-27 ta’ April gew depozitati €4551.47.

Dakinhar meta l-konvenuta marret ma’ Kevin O’Connor ix-xhud kienet tat l-informazzjoni lill-konvenuta ghax hija kienet il-klijenta taghhom. Ix-xhud tahseb li huma xtaqu jifthu kont u joint account pero’ ma fethuhx. Hija spjegat li meta l-persuna tkun baranija u tigi bil-passaport, il-bank ghandu procedura li jridu jaghmlu l-ezami tad-*diligence* fuq il-klijent u f’dan il-kaz ma sarx ghax jiehu certu ammont ta’ zmien. Meta jkun hemm joint account u jkun hemm zewg firem, dawn iridu jkunu dejjem prezenti biex jiffirmaw ic-cekkijiet. Effettivament hija kienet qaltilhom li riedu jkunu t-tnejn prezenti biex jiffirmaw ic-cheque book ghal joint account li xtaqu jifthu.

Ix-xhud stqarret li l-kont ma nfetahx ghax kien ser jiehu l-hin u ghax Kevin O’Connor ma kienx ser ikun hawn Malta biex jiffirma c-cekkijiet. Din il-laqgha filfatt kienet saret wara li kien nfetah il-kont f’isem il-konvenuta. Mistoqsija jekk jistax ikun hemm kaz fejn ikun hemm joint account u jkun hemm *either to sign*, wiegbet li iva filfatt jista’ jkun hemm. Il-kont jista’ jissemma li jrid u dan kien imsemmi Libertas Account. Il-kont kien jismu Mary Gauci biss u referenza tal-kont kien Libertas. Il-kont tista’ taghtih kwalsiasi isem bhala referenza, pero’ tkun responsabbli ghalih Mary Gauci. Filfatt fuq ic-cekkijiet u fuq l-istatements m’hemmx il-kelma Libertas ghax dan huwa kont personali kif jirrizulta mis-sistema tal-bank. Dan l-isem jista’ jinbidel meta jkun irid il-klijent, tal-Libertas u ma jaffetwax il-kont bl-ebda mod. Dan il-kont filfatt m’ghadux imsemmi Libertas. Pero’ ma tistax tghid meta ma baqax jissejjah Libertas ghalkemm baqa’

l-istess kont f'isem Mary Gauci. Ix-xhud esebiet statements li gew immarkati mill-Qorti bhala dokument CSH1 fejn dawn juru li kien hemm xi cekkijiet li gew dizonorati.

Rat in-nota tal-konvenuta esebita seduta stante nhar l-10 ta' April 2013 li permezz taghha esebiet tliet e-mails.

Rat in-nota tal-konvenuta esebita seduta stante nhar it-8 ta' Mejju 2013 li permezz taghha esebiet erba' invoices mmarkati minn Dok A sa Dok D.

**Mary Gauci** xehdet in kontro-ezami fit-8 ta' Mejju 2013 fejn iddikjarat li hija kienet impjegata bhala leader ta' Libertas Institute ghal Malta. Hija kienet ordnat dawn ir-riklami fil-Malta Today f'isem Libertas u dawn kellhom x'jaqsmu wkoll mal-propaganda sabiex tikkontesta bhala MEP f'isem Libertas. Il-konvenuta kienet iffirmat booking order li jinsab a fol 16 f'isem Libertas kif indikat.

Mistoqsija jekk ghamlitx xi indikazzjoni li kienet qed tiffirma ghan-nom ta' Libertas qalet li fil-parti ta' fuq tad-dokument hemm miktub Libertas u fil-parti fejn hemm authorised signature hemm il-firma taghha. Hija kkonfermat li hija kkomunikat ma' Jonathan Perrett f'isem Media Today. L-invoices dejjem gew prezentati f'isem Libertas.

Fl-ufficju maghha l-Imsida kien hemm Mark Causon. Il-booking order giet iffirmatha fl-ufficju tal-Libertas u mhux fil-Media Today. Hija fehmet li Mark kien

qed jitkellem f'isem Media Today. Il-konvenuta ma tafx x'kuntratt kellu Mark Causon mal-Media Today. Mistoqsija tispjega d-dokument a fol 83 tal-atti qalet li f'dak id-dokument is-socjeta' Libertas intrabtet li thallas lin-Network Publications u mhux lil Media Today.

Il-konvenuta stqarret li hi ghandha dokument iehor li jinsab a fol 184 immarkat bhala Dok C fejn hemm indikat li Libertas barra minn Malta kienu qed jikkonsidraw ukoll dan il-kont. Hija fehmet li c-cekk li kellha mal-HSBC bhala *stand alone account* kien jintuza biss ghax-xoghol tal-Libertas u kienet thallas direttament il-kontijiet zghar li kienu jhallsu. F'dan il-kaz kien hemm ftehim ma' Jonathan Perrett li c-cekkijiet ma kellhomx jissarfu qabel ma jaslu l-flus. L-ammont li qed jigi mitlub lilha mill-Media Today jirrifletti numru ta' invoices u ghalhekk ingabret is-somma.

Il-konvenuta saritilha referenza ghad-dokument li hu esebit fl-atti a fol 40 fejn hemm indikat li hi ma kinitx awtorizzata li taghmel dawn ir-riklami ghan-nom ta' Libertas Malta. Hija cahditu dan ghax hi kellha l-awtorizzazzjoni kollha u din tohrog minn numru ta' emails li hija diga' esebiet. Hija cahdet li Libertas ta' barra giet involuta biss biex tipprova tinstab soluzzjoni bonarja izda kienet involuta mill-bidu nett. Hija sostniet li mhux minnu li Libertas Institute dahlet biex tghinha ghax din kienet involuta mill-bidu.

**Mark Causon** xehed in kontro-ezami fit-22 ta' Jannar 2014 fejn iddikjara li huwa kien jokkupa l-kariga ta' *marketing executive* mas-socjeta' attrici u ilu li spicca minn maghhom xi hames snin. Huwa jiftakar li peress li kien riesaq iz-zmien tal-elezzjonijiet huma kienu ghamlu kuntatt mal-partiti politici kollha, inkluz certu kandidati li kienu ser johorgu u sussugwentament bdew jaghmlu laqghat

maghhom. Huwa spjega li kien offra l-package taghhom lil Mary Gauci bhala rapprezentanta ta’ Libertas. Illum il-gurnata jghid li ghadda hafna zmien u ma jafx min kien mar l-ufficcju u qal li huwa kien jara bejn ghaxra u ghoxrin klijent kuljum. Huwa spjega li probabilment kienet giet personalment ghax kienet iffirmat ghan-nom ta’ Libertas Malta.

Ix-xhud gie muri l-booking order li jinsab esebit fl-atti a fol 16 tal-process u spjega li dan il-*booking order* gie ffirmat l-ufficcju. Huwa stqarr illi ma jaghrafx il-firem ta’ kulhadd u allura ma jistghax jikkonferma li din il-firma hija l-firma ta’ Mary Gauci, dan ghalkemm il-*booking orders* generalment jigu ffirmati quddiemu. Meta tenna li kien cempel lill-Libertas, huwa kien cempel lil Mary Gauci u qaltlu li kienet tkun interessata u effettivament marret l-ufficcju u ghamlulha l-*package*. Sa fejn jaf hu, huwa kien tkellem ma’ Mary Gauci biss. Sussegwentement qal li kien gie avvicinat minn Mr. Deckland li kien il-*leader* ta’ Libertas u offrielu sabiex jaghmel certu *marketing material*, u cioe’ artiklu ghal-Libertas, u fil-fatt il-pagament li rcieva x-xhud, kien ircevieh mil-Libertas gewwa l-Irlanda.

Ix-xhud stqarr illi fit-13 ta’ Mejju 2009 huwa kien jahdem part-time mal-Libertas u ghamel xi tliet xhur jahdem maghhom. Ikkonferma li c-Chairman tas-socjeta’ attrici kien jafu dan. Huwa ddikjara li d-diretturi tas-socjeta’ attrici kienu jafu li huwa kien jikteb artiklu darba fil-gimgha jew fil-hmistax fuq il-gazzetta “Illum” li hija wkoll prodotta mis-socjeta’ attrici ghan-nom tal-Libertas. Fil-fatt kienu jhallsu ghalih il-Libertas ghax kien meqjus bhala *paid advert* u cioe’ minflok stampa kien ikun artiklu. Huwa jiftakar li meta kien gie avvicinat minn Mr Deckland flimkien ma’ Ms Gauci, huwa kien offrielhom sabiex jiktbilhom xi artikoli u qabel ma qalilhom li kien lest li jaccetta dan ix-xoghol, kien tkellem

mal-full-time employer tieghu li huwa Saviour Balzan. Ix-xhud sostna li l-permess li kien inghata mis-Sur Balzan kien wiehed verbali. Huwa spjega li kellu l-ufficcju tieghu adjacenti ma' tas-sur Balzan, bil-bibien miftuhin u kienu jikkomunikaw il-hin kollu. Ghalkemm Saviour Balzan kien direttur tal-kumpanija attrici, huwa tenna li *on a day to day basis* kien *jipattazja* ma' Jonathan Perrett. Dan kien jiehu hsieb l-amministrazzjoni.

Meta x-xhud kellu kwistjonijiet ta' *bookings* u *marketing* huwa kien ikellem lil Jonathan Perrett dwar id-dettalji teknici ta' dik l-ordni, pero' dwar il-kuntratti li jaghmel ma' kumpaniji ohrajn kien jitkellem ma' Saviour Balzan. Huwa kien tkellem ma' Mary Gauci, kien offrielha l-package tas-socjeta' attrici u wara li waslu ghal ftehim, iffirmaw il-*booking order*. Sussegwentement huma jaraw x'*design* ikun hemm bzonn u ghalhekk, huwa kien jitkellem mal-booking office. Ix-xhud ikkonferma li dan is-servizz inghata *on credit*, u huwa m'ghandu bzonn l-approvazzjoni ta' hadd biex jaghti servizz ta' credit u ghalhekk ikun jista' jaghmel kwalsiasi ammont *on credit*. Huwa spjega li lil Saviour kien jurih b'dak li kien qed jaghmel, mhux biex jottjeni l-permess izda biex jurih li effettivament kien qieghed jahdem. Huwa ddikjara li huwa ma ghandu x'jaqsam xejn ma' hlas. Huwa kellu paga kif ukoll commission, pero' f'dan il-kaz partikolari huwa ma kellux commission. Spjega li commission kien ikollu fuq kwistjonijiet ta' natura kummercjali, bhal banek, u agenti ta' karozzi peress li jkunu jridu jaghmluha ma' kompetituri ohrajn. Ix-xhud ma jafx kemm-il darba marret Mary Gauci, u fil-fatt jahseb li darba wahda biss marret l-ufficcju taghhom. Spjega li f'Marzu 2009 huwa kien qieghed f'korrespondenza mar-rapprezentanti tal-Libertas gewwa l-Irlanda u fil-fatt certu *designs* kellhom igibuhom minn hemm. Ix-xhud iddikjara li huwa dam jahdem maghhom sal-ahhar ta' Mejju.

Ix-xhud kompla jixhed in ri-ezami fejn iddikjara li mal-partiti politici kbar u cioe' mal-Partit Laburista u mal-Partit Nazzjonalista kien tkellem mas-segretarju generali taghhom u kien hu li baghtlu rapprezentant ta' dak il-partit. Fil-fatt ma' dawn il-partiti generalment imorru huma stess l-ufficcju taghhom u l-partiti z-zghar bhal Libertas, Alternattiva u xi partiti zghar ohrajn, jaf li dawn imorru l-ufficcju tas-socjeta' attrici. Ix-xhud spjega li jkun hemm differenza meta jmur membru ta' partit politiku u meta jmur ndividwu biex jaghmel ir-riklamar. Huma kellhoma *package* li jaghtu lill-partiti politici u dak kien jiffirmah xi hadd mir-rapprezentanti mill-partit u mbaghad ikun hemm kandidati ohrajn li riedu jhallsu cash ghax hemm ma jkunux qeghdin jiddiljaw ma' partit izda ma' individwu. Ix-xhud spjega li f'din il-*booking order* in kwistjoni l-*contact person* kienet Mary Gauci u l-klijent kien Libertas Malta. Meta x-xhud jiffirma l-*booking order* huwa jaf li jkun hemm tlett kopji, li wahda tkun ghall-file tieghu ghar-records tieghu, kopja biex jaghtuha lil Jonathan Perrett sabiex idahhal l-informazzjoni fl-accounts u l-kopja l-ohra sabiex tinghata lill-klijent. Wara jkun Jonathan Perrett li jkollu jigri wara l-klijent sabiex jithallas. Huwa jaf li fil-fatt huwa kien kellem lil Mr Deckland, u fil-fatt huwa ra l-emails f'dan ir-rigward, pero' huwa m'ghandux kopja ta' dawn ghax qeghdin l-ufficcju. Dawn l-emails huwa rahom meta kien ghadu mpjegat mal-Media Today. Naturalment meta spicca ma kellux aktar access ghas-server. Huwa spjega li kull xahar ikollu laqgha tal-managers, fejn jiddiskutu l-income.

**Saviour Balzan** xehed fid-9 ta' April 2014 fejn ikkonferma li Mark Causon ghamel xi zmien impjegat mas-socjeta' attrici fil-vesti tieghu ta' sales representative. Saritlu referenza ghax-xhieda li ta l-istess Mark Causon fl-atti ta' din il-kawza fit-22 ta' Jannar, 2014 liema xhieda tinsab inserita fl-atti a fol 37. Huwa cahad dak li qal Mark Causon fix-xhieda tieghu li huwa tah xi permess li jista' jaghmel xi xoghol ghal Libertas. Ix-xhud iddikjara li fil-*contract of services* taghhom hemm

paragrafu partikolari li jghid li meta xi hadd ikun irid jaghmel xi forma ta’ *part time work* dan irid jitlob bil-miktub u in oltre jrid ikollu risposta taghhom bil-miktub. Huwa ddikjara li qatt ma gie avvicinat sabiex jaghmel jew jaghti dan il-permess. Apparti hekk huwa spjega li ghandhom *standing order* fil-kumpanija taghhom li n-nies li huma rimotament assocjati ma’ xi partit politiku jrid jirrizenja qabel ma jibda l-impjieg tieghu mal-kumpanija attrici.

Ix-xhud iddikjara li l-ufficcju ta’ Mark Causon lanqas ma kien bieb ma’ bieb mieghu anzi kien fuq sular differenti. Huwa kull ma jaf huwa li meta c-cekkijiet kienu mahruga minn Mary Gauci dawn kienu bbouncjaw u Mark Causon kien gabar dawn ic-cekkijiet. Huwa jaf li dawn ic-cekkijiet kienu gew returned to the drawer mill-accountant taghhom. Dawn ic-cekkijiet jinsabu fil-process a fol 17. Pero’ meta Mark Causon spicca l-impjieg tieghu minn mas-socjeta’ attrici, ix-xhud sar jaf li Mark Causon kien jaghmel xi xoghol ghal Mary Gauci u mill-impressjoni tieghu jidher li kien jikkordina l-kumpanija taghha. Huwa jaf li kien ikollhom management meetings u Mark Causon kien ikun prezenti u jaccerta li Mary Gauci kellha l-fondi u kienet ser thallas. Filfatt huwa kien jghidilhom bl-Ingliz “that he could vow for her”. In segwitu meta x-xhud ra li dawn ic-cekkijiet ibbouncjaw huma pruvaw jikkomunikaw mal-isponsor politiku ta’ Mary Gauci. Fil-fehma tieghu rrizulta li kienet *one big hoax organisation*.

Ix-xhud spjega li meta l-impjegati taghhom jaghmlu talba biex jaghmlu part time work din it-talba ssir bil-miktub u din tigi nserita fil-fajl rispettiv ta’ dik il-persuna li jistaqsi ghal dan l-impjieg u din il-klawsola tapplika ghal kull impjegat taghhom. Huwa stqarr illi ma tantx isiru talbiet biex ikun hemm part time work mill-haddiema tieghu. Filfatt ma jiftakarx li qatt ta xi permess sabiex isir xi part time work. Il-management meetings kienu jinvolvu s-servizz tieghu mal-accountant

sabiex jara l-andament tal-kumpanija. Pero’ qal li meta jkun hemm kwistjoni ta’ *problematic client* huwa filfatt jibghat lis-sales executive ta’ dak il-klijent u f’dan il-kaz kien Mark Causon u jistaqsieh x’inhi l-problema u ghaliex il-hlas ma jsirx. F’dan il-kaz ix-xhud kien staqsa lil Mark Causon b’mod partikolari ghaliex ma kinitx hallset is-sinjura Mary Gauci.

Ix-xhud ikkonferma li Jonathan Perrett ghamel zmien jahdem maghhom fejn kien jiehu hsieb l-accounts u kien jigbidlu l-attenzjoni ghal din il-problema partikolari. Huwa spjega li kull booking li ssir mal-azjenda taghhom ried ikollha firma tal-persuna li hija responsabbli li tkun ser thallas il-kont. Filfatt huma ma jaccettawx riklami jekk ma jkollhomx firma tal-persuna li tkun ser thallas. Huwa spjega li l-authorised signature hija ta’ Mary Gauci u c-cekkijiet hargu minnha, mhux minn Libertas. Huwa ma kien gibed l-ebda attenzjoni lil Jonathan Perrett li l-booking order hija tal-Libertas. Ix-xhud spjega li din hija l-istess format li ilha tintuza ghal dawn l-ahhar tmintax-il sena u filfatt hija standard format. Huwa tenna li jekk certu nies ma jitilghux fil-blacklist taghhom, huma jaghtuhom il-credit irrispettivament jekk ikunx partit jew individwu. Il-partiti politici zgur ma jhallsux qabel u huma bhal kaz odjern peress li Mary Gauci kienet kandidata u ghalhekk qatt ma talbuha hlas minn qabel. Meta’ persuna tkun fil-black list huma qatt ma jaccettawh. Dan il-protokoll baqa’ l-istess sa llum anke bl-elezzjonijiet li gejjin.

Illi nhar il-21 ta’ Mejju 2014 dehru l-avukati rispettivi tal-partijiet u trattaw il-kawza u talbu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok il-konvenuta qed tecepixxi li hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex hija fil-vesti taghha personali qatt ma kellha relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Fit-tieni lok tecepixxi li l-ebda ammont m'hu dovut minnha u jekk hemm xi flejjes dovuti dawn huma dovuti mis-socjeta' Libertas Institute Ltd. Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha l-ewwel tfisser x'irid jinghad li jkun hemm relazzjoni guridika bejn kontendenti f'kawza.

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**Korporazzjoni ghas servizzi tal-ilma et vs Emanuel Grixti'**:

*"b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-*

*gudizzju, kinetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza".*

Ta' importanza ghal din is-sentenza huwa dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il- 21 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet '**Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael'** fejn inghad li:

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta' b'responsabbilta` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa, it-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

Dan l-insenjament huwa wkoll ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **'<u>Legend Real Estate Limited vs Ron Chetcuti</u>'** deciza nhar l-20 ta' Ottubru 2003 mill-Qorti tal-Appell fejn inghad li *"f'kaz bhal dan il-konvenut ghandu definittivament u konvincevolment jipprova mhux biss li l-ftehim sar ghas-socjeta' minnu rapprezentata imma wkoll li fil-mument meta sar tali ftehim s-socjeta' konvenuta kienet konsapevoli tal-fatt illi hija kien qed tagixxi in rappresentanza ta' dik l-istess. Dan hu abbondantament pacifiku fil-gurisprudenza taghna".* Fil-fatt irriteniet li:

*'Hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min jinnegozja mas-socjeta' attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza*

*tas-socjeta' attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilta` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta'* – '**John Vella noe s Anthony Vella et'** (Appell 3 ta Dicembru 1999). Vide wkoll '**Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna'** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992 u '**Anthony Caruana et vs John Magro et'** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Otubru 1999.

In tema, gja din il-Qorti kellha okkazjoni tikkummenta illi *"b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralita` ta' atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni ta' effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar. Tali att jew atti huma, imbaghad, ravvizabbli minn manifestazzjoni ta' volonta`, ossija ta' dik l-imgieba li in bazi ghac-cirkustanzi li fih tavvera fit-traffiku guridiku tnissel fid-destinatarju t-tfisira li l-parti trid tipproduci l-konsegwenzi guridici predetti"* (**Burmarrad Commercials Ltd -vs- Desmond Mizzi *et***, Appell Inferjuri, 28 ta' Frar, 2007). Dan necessarjament jimporta illi l-gudikant, imsejjah biex jiddetermina l-kwalita` tal-litiskonsorju legittimu tal-konvenuta, tehtiegilha tanalizza mill-korp tal-provi jekk dan jikkonfigurax bhala s-soggett idoneju konness mar-rapport guridiku dedott fil-gudizzju

Naturalment, kif ukoll ritenut, *"jispetta lil gudikant li jizen ic-cirkustanzi ta' kull kaz biex jasal ghal konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji"* (**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999).

Fil-kaz in desamina jirrizulta li l-konvenuta kienet marret fl-ufficcini tas-socjeta' attrici u iffirmat '*booking form*' nhar it-13 ta' Mejju 2009 dwar xi reklamar li kellu jsir. Jidher minn ezami ta' dan id-dokument li hija kienet ordnat 160,000 leaflets u 12,000 business cards u dan ghal prezz patwit ta' tmint elef, mitejn u wiehed u sebghin ewro u tmenin centezmu (€8,271.80). L-*authorised signature* fuq dan id-dokument hi l-konvenuta Mary Gauci, il-*contact person* hija Mary Gauci il-konvenuta, waqt li taht isem il-'kumpanija' hemm miktub Libertas Malta. Jirrizulta li l-konvenuta kienet halset dan l-invoice permezz ta' cheque numru 336 mahrug mill-kont numru 33309014001 intestat lill-konvenuta u dan fil-15 ta' Mejju 2009. Jirrizulta wkoll li dan ic-cheque ma ssarrafx u gie returned bil-kliem "refer to drawer". Jirrizulta wkoll li l-konvenuta kienet ghamlet pagament iehor ghal xi ordni ohra u dan fl-istess jum tal-5 ta' Mejju 2009 fl-ammont ta' elf, mija u sitta u hamsin ewro u erbghin centezmu (€1,156.40) mahrug mill-istess kont favur l-istess socjeta' attrici liema tieni cheque ma giex onorat lanqas. Ghalhekk l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici jammonta ghas-somma ta' disat elef, erba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€9,428.20) [u dan wara li l-Qorti rat iz-zewg cekkijiet esebiti a fol 17 tal-process] u mhux is-somma ta' ghaxart elef, sitt mija u disgha u disghin ewro u sitt centesmi (€10,699.06) kif reklamat fir-rikors promotur.

Illi x-xhud Leslie Mercieca rapprezentanta tal-HSBC xehdet u spjegat li l-kont minn fejn hareg ic-cheque fuq imsemmi hareg mil-kont ta' Mary Gauci personali. Qalet li Mary Gauci kienet marret il-bank u kienet qaltilha li kienet bi hsiebha tikkontesta xi elezzjoni u ghalhekk xtaqet tiftah xi kont bankarju ghal dan il-ghan. Qalet li kienet marret ghandha flimkien ma' persuna ohra kif muri fid-dokument Z pero' tghid li din il-persuna qatt ma qaltilha li kienet ser tassumi xi responsabilita' tal-kont ta'Mary Gauci. Ikkonfermat li dan il-kont kien kont personali taghha. Gie usggerit lilha jekk setghax kien kont 'stand alone' u

wiegbet b'mod kategoriku li tali tipi ta' kontijiet ma jezistux mal-bank. Fix-xhieda taghha tghid li l-persuna murija fid-dokument Z ma kellha l-ebda relazzjoni mal-kont intestate f'isem il-konvenuta. Ikkonfermat li verament fil-kont taghha l-konvenuta kienet irceviet xi flus minn Libertas Institute. Mistoqsija jekk il-kont kellux l-isem Libertas tghid li iva pero' dan ma jfisser xejn ghaliex il-kont kien jghajjat lil Mary Gauci u din tista' tghajjat lill-kont taghha kwalsiasi isem, pero' mal bank tibqa' responsabbli l-konvenuta.

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici qed issostni li hija l-konvenuta li ghandha thallas din il-pendenza.

Il-konvenuta minn naha taghha qed tghid li dan il-kont jghajjat lil Libertas Institute. Ghalkemm fuq l-booking invoice (dok Z) tidher li kienet hi li iffirmat l-invoice. Dwar l-isem Libertas li hemm fuq l-invoice kif suggerit mill-avukat difensur tal-konvenuta jidher li dan l-isem tal-kumpanija fil-fatt hu Libertas Malta. Issa mix-xhieda ta' Dr Claudette Fenech li xehdet ghan-nom u in rapprezentanza tal-MFSA ma jidhirx li hemm xi kumpanija hawn Malta registrata bl-isem Libertas. Ghalhekk l-isem Libertas Malta m'hemmx dubbju li kien hemm sabiex jizvija min kien responsabbli ghal dan il-kont. Fuq dan il-booking form hemm miktub '*authorised signature'* u proprju hdejn dawn il-kliem hemm il-firma *sic et simplicite* tal-konvenuta. Il-konvenuta ma resqet l-ebda prova li hija kienet xi *authorised person* ta' xi socjeta' Libertas.

Illi permezz ta' nota pprezentata fl-atti ta' din il-kawza nhar it-8 ta' Frar 2012 l-konvenuta esebiet il-*booking order* li kienet iffirmat hi u fuq il-parti ta' isfel ta' dan l-istess dokument hemm imnizzel li Jonathan Perrett kienet il-*contact person* minn naha tas-socjeta' attrici. Ghalkemm meta xehed Jonathan Perrett

jghid li din il-booking ma sarx minnu izda minn Mark Causon li huwa is-*sales representative* tas-socjeta' attrici u kkonferma li skond il-*booking invoice* bhala kumpanija kien hemm imnizzel Libertas Malta u li l-konvenuta kienet il-*contact person*. Fil-fatt jghid li kienet il-konvenuta personali li kienet halset il-kont pendenti. Qal ukoll li meta ordni ikun ta' certu ammont huma jitolbu li l-hlas isir bil-quddiem u hekk ghamel f' dan il-kaz qal lil Causon sabiex jiehu hsieb li jigbor il-pagament u l-konvenuta harget cekk ghall-ammont tal-invoice. Jghid li r-relazzjoni tieghu dejjem kienet mal-konvenuta u meta ra li c-cekk ma ssarrafx u kkomunika maghha din qaltlu li effettivament kienet qed tistenna xi pagamenti minn barra. Qal ukoll li verament Libertas barra minn Malta kienu qieghdin jikkunsidraw li jaghmlu xi pagament pero' cahdu li kienu huma li ghamlu l-booking fl-ewwel lok.

Il-konvenuta taghmel referenza ghax-xhieda ta' Mark Causon li kien il- *campaign manager* tal-Libertas Insatitute hawn Malta u jighid li l-*booking* li ffirmat ghalih l-konvenuta kien ta' Libertas Institute. Il-Qorti pero' mhix qed temmen lil dan ix-xhud u dan ghaliex minn imkien ma jirrizulta li kien jghajjat lil Libertas Institute. Il-kliem Libertas Malta fuq il-booking form ghandha tinftiehem li kien hemm xi Libertas hawn Malta. Issa jekk il-konvenuta kienet ser tohrog mal-partit Libertas hawn Malta u kellha xi arrangamenti mal-Libertas estera dwar xi hlasijiet, dawn l-arrangamenti ma ghandhomx x'jaqsmu mar-relazzjoni ezistenti bejn il-konvenuta u s-socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici kellha kull dritt u dover li tfittex lill-konvenuta ghall-hlas u semmai jekk riedet, il-konvenuta setghet iddur fuq Libertas Institute barra minn Malta ghal xi refuzjoni tal-ammont una volta kellha dak l-arrangament, li mill-atti ma jidhirx li kien hemm.

Il-konvenuta ghamlet referenza ghall-artikolu 1149 (1) tal-Kapitolu 16 li jiddisponi is-segwenti:

"*Il-kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-ħlas ikun ta' vantaġġ għad-debitur*".

Il-Qorti taqbel ma dak li eccepixxa l-avukat difensur tal-konvenuta pero' su due piedi ma jfisser xejn ghaliex f'dan il-kaz ma jirrizultax li effettivament il-konvenuta ghamlet il-pagament permezz ta' cheque personali taghha ghan nom ta' terza persuna ghaliex ghalkemm fuq il-b*ooking form* hemm indikat Libertas Malta, f'Malta ma kien hemm l-ebda socjeta' jew korp registrat bl-isem Libertas.

Illi huwa minnu li Dr Roger Degiogio kien kiteb lis-socjeta' estera Libertas Institute fejn talabha hlas b'referenza ghall-invoices pendenti pero' dan ghamlu wara li l-konvenuta ttentat titfa' il-kont fuq terza persuna. Is-socjeta' attrici ddisprata sabiex tithallas tas-servizz li nghatat (u dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwar in-natura tas-servizz) baghtet xi e-mails barra minn Malta proprju sabiex tara jekk kienx hemm xi terz li kien lest li jhallas il-kontijiet pendenti ghan-nom tal-konvenuta pero' dwar dan ma jirrizultax li kien hemm xi rizultat pozittiv u ghalhekk quddiem is-socjeta' attrici tibqa' il-konvenuta personali bhala il- persuna responsabbli ghall-hlas. Minn imkien ma jirrizulta li Libertas Institute kienet responsabbli ghall-ordni promotura li saret.

Illi jidher li verament is-socjeta' Libertas Institute kienet dahlet f'kuntratt ta' kiri ta' ufficcju minn fejn kienet ser topera hawn Malta u dan il-kuntratt huwa esebit hawn fl-atti. Pero' minn ezami ta' dan id-dokument jidher ukoll li ma kinitx il-

konvenuta li rrapprezentat lis-socjeta’ estera izda kien hemm Kevin O’Connell l-istess persuna murija fid-dokument Z. Ghalhekk dan isahhah it-tezi tal-Qorti li jekk is-socjeta’ Libertas Institute registrata barra minn Malta xtaqet li l-konvenuta kienet ir-rapprezenant taghha, allura kellu ikun hemm xi dokument mahrug ghal dan il-ghan. Jidher li l-konvenuta kif stqarret hi stess kienet tahdem ma’ Libertas Institute u ghalhekk l-ufficcju taghha kien fil-post mikri minn O’Connell u kien ghalhekk li s-socjeta’ attrici baghtet l-invoices taghha f’dan l-indirizz molto piu’ jekk Mark Causon, sales representative tas-socjeta’ attrici u campaign manager ta’ Libertas Institute kien jaf li l-konvenuta kienet tahdem f’dak l-ufficcju minhabba r-relazzjoni professjonali ta’ bejniethom.

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici huwa dovut u dan mill-konvenuta personalment.

Konsegwentment, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa’ it-talba attrici b’dan illi qed tordna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma ta’ disat elef, erba’ mija u tmienja u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€9,428.20), somma ridotta minn dik pretiza minnha fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, inkluz il-Mandat ta’ Sekwestru Nru. 374/11 u l-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficcjali Nru. 352/11 tal-4 ta’ Frar 2011 esebita fl-atti a fol. 3 tal-process.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------